



Brussell, 16 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

13940/23

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0191(COD)**

EF 297  
ECOFIN 982  
ENV 1096  
SUSTDEV 126  
CODEC 1800

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                       |
| Suġġett: | Abbozz ta' <b>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL</b> dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà <b>(l-ewwel qari)</b><br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fis-6 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Novembru 2021<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-8 ta' Diċembru 2021<sup>3</sup>.
4. Fil-5 ta' Ottubru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>4</sup>.

<sup>1</sup> 10027/21 + ADD 1-4.  
<sup>2</sup> ĠU C 27, 19.1.2022, p. 4.  
<sup>3</sup> ĠU C 152, 6.4.2022, p. 105.  
<sup>4</sup> 13790/23.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 27/23, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, bl-Awstrija, il-Ġermanja u l-Lussemburgu jastjenu, u
  - japprova d-dikjarazzjoni mill-Kunsill, li tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 u 2 għal din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ser jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---